# FORTIFIKAZZJONIJIET F'BIRŻEBBUĠA

**1. Is-Sur ta' Borġ in-Nadur** (c. 1450 Q.K.)

Borġ in-Nadur jinsab madwar 200 jarda 'l bogħod mill-baħar (Grid Reference 574658) [1] fuq promontorju tal-franka fejn jiltaqgħu ż-żewġ widien ta' Dalam u Saptan (Żambaq) [2]. Għalkemm illum nużaw il-kelma Borġ in-Nadur biex ninkludu kemm is-Sur ta' żmien il-Bronż (c. 1450 Q.K.) kif ukoll it-Tempju ta' żmien ir-Ram, din iktar tkun flokha meta nużawha għal ta' l-ewwel. [3] Fil-fatt l-isem Borġ in-Nadur ġej minn żewġ kelmiet Maltin qodma:- Borġ tfisser għolja, jew munzell ġebel u Nadur, x'imkien fejn wieħed jista' jara, jittawwal, igħasses. Kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex nsibu diversi postijiet imsejħin "Nadur". [4]



*Il-fortifikazzjonijiet ta' Borġ in-Nadur. (c.1450)*

Is-Sur ta' Borġ in-Nadur huwa tip ta' bini magħruf bħala "Cyclopean" [5] u naraw eżempji tiegħu f'gżejjer Mediterranji oħra bħalma huma dawk Baleariċi, Sardinja u Korsika. [6] Il-ħajt fortifikat jgħaddi mix-xlokk għall-majjistral u fit-tramuntana tiegħu, jdur lejn il-punent. Barra l-ftit spazju 'l hawn u 'l hemm, wieħed jista' jilmħu għal madwar 60 metru, l-għoli tiegħu hu ta' bejn wieħed u ieħor 3.5 sa 4.5 metri u il-wisgħa madwar 1.5 metri. Hu magħmul minn ħaġar ta' qies li jvarja bejn 2.20 metri u 0.7 metri, imqiegħed bla ebda tikħil jew lavur. Biex jirfed il-ġebel il-mimdud, insibu ġebel wieqaf użat bħala puntal.[7] Il-Faċċata tas-Sur li hu magħmul f'għamla ta' nofs qamar tħares lejn il-tramuntana u lvant. Dan jiddefendi dik il-parti tal-għolja li mhijiex difiża b'mod naturali. [8]

Fis-sena 1959, D.H. Trump sab xi fdaljiet ta' żewġ griebeġ 'l ġewwa mis-sur u kkonkluda li dan l-imkejjen kien "a defended settlement". [9] F'dawn il-griebeġ instabu fdalijiet ta' fuklar, romblu u mehrież. Il-Professur Margaret A. Murray fil-kiteb tagħha fuq it-tiftix arkeoloġiku f'Malta, "Excavations in Malta" tagħti importanza liż–żewġ dahliet (niċeċ) fuq kull naħa ta' l-entratura li hi ssostni li dawn kienu jservu ta' "guard room". [10]

Għalkemm Borġ in-Nadur ilu magħruf ma' l-istoriċi mhux ħażin (G.F. Abela 1647), l-ewwel darba li s-sur tnaddaf mit-terrapien u ġie skavat kien fis-sena 1881 minn A.A. Caruana. [11]

Hija nteressanti li wieħed jinnota li quddiem fejn xi darba kien hemm id-daħla għall-fortizza, jidhru raddi tar-roti (Car Ruts) ħerġin 'l barra lejn il-wied. [12]

**2. Għassa tad-Dejma (c. 1417 W.K.)**

Il-perjodu Medjovali ta' l-Istorja ta' Malta (dak ta' qabel il-Miġja tal-Kavallieri ta' San Ġwann - 1530 W.K.) nistgħu nqisuh bħala l-iktar perjodu ikrah u mudlam ta' l-Istorja. Malta għaddiet minn taħt diversi saltniet u idejn (sistema fewdali) bla ħadd ma kien jagħti każ tal-ħtiġijiet tal-popolin, anzi bosta kienu dawk li stagħnew minn fuqha.

Il-Maltin kellhom jaħsbu huma għal ġildhom u għalhekk twaqqfet id-dejma biex tħarishom minn ħafna perikli tal-baħar kif ukoll mis-Saraċini (furbani) li l-inżul tagħhom f'artna kien ikun ta' spiss. Tant saret importanti d-Dejma (l-għassa ta' madwar il-kosta), li l-mexxejja tal-Maltin fl-1416 laqqmuha **l-ħitan tal-Gżira** u talbu biex din titqiegħed mill-ġdid taħt il-ħarsien ta' l-Università (Kunsill Popolari) minħabba l-abbuż li ħafna bdew iħallsu somom ta' flus, biex jiġu eżentati mill-għassa b'konsegwenza, li meta kienu jidhru l-Furbani fi xtutna ħadd ma seta' jżommhom milli jħarbtu rħula sħaħ. [13]



***Paġna mill-"Quaderni Diversi" li turi r-roster tad-Dejma ta' l-1417 (Bil-kortesija ta' l-Arkivju tal-Katidral, Mdina)***

Fis-sena ta' wara, dik tal-1417 nsibu li d-Dejma kellha 24 għassa [14] tal-kosta madwar Malta, mgħassa regolarment kull lejl tal-Ġimgħa (inklużi l-Ħdud) minn tliet suldati, wieħed minnhom normalment riekeb fuq żiemel. L-għassa kienet fuq sistema ta' roster. [15] Minn dawn l-24 għassa, 5 kienu qrib jew f'Birżebbuġa.

Dawn kienu:-

Lu gadir [16]

Ras Juliana [17]

Alu Minahc [18]

Nadur Kelbe [19]

Cabar garib [20]

Is-suldati li kienu jgħassu f'dawn il-posti kienu jintgħażlu minn irħula qrib, hekk li **Lu gadir** kellu 8 mill-Gudja, 4 (Percopu jew Ħal Kirkop) 4 (Axac jew Għaxaq) 3 (Bizbud – Żejtun); **Ras Juliana:** 8 (Safi), 5 (Mqabba) u 3 (Millieri – Żurrieq); **Alu minahc:** 4 (Millieri), 9 (Żurrieq) 4 (Bubaqra); Nadur Kelba: 10 (Żurrieq) u 4 mill-Gudja, fil-waqt li Qabar Għarib kellu 4 suldati miż-Żurrieq u 15 minn Lew u Qrendi [21]. Fuq dawn is-suldati kien ikun hemm ir-"Riveditore" (Uffiċċjal) biex jara li l-għassa ssir tajjeb. Fir-Roster tal-1417 (l-unika roster li turi fejn kienet issir l-għassa u mhux l-irħula minn fejn jiġu s-suldati) insibu li Bernardu Galata kien jieħu ħsieb dak ta' lu Marnisi u Lu gadir, Johanni Fauzuni kien ir-"Riveditore" ta' Ras Juliana, Alu minahc u Nadur Kelbe, fil-waqt li Danzu Chili kellu f'idejh dawk ta' Cabar garib u Guardia Xutu. [22]

Fi żmien il-Kavallieri ta San Ġwann (1530 – 1798) l-għassa ta' mal-kosta mid-Dejma baqgħet ssir anzi kien hemm żmien li din kellha 60 posta minħabba biża' ta' invażjoni mit-Torok (fosthom żdiedet dik ta' Wied Znuber). [23] Iżda wara li kemm il-Gżira ta' Malta kif ukoll dik ta' Għawdex ġew iffortifikati sew mill-Ordni, l-għassa tnaqqset għal tnax-il posta fosthom baqgħet dik ta' Ras Juliana. [24] Sa sitt snin qabel it-tkeċċija tal-Kavallieri minn Malta, l-għassa f'Ras Juliana kienet għada ssir; Gio Borg nhar l-14 ta' Ġunju 1792 talab lill-Ordni biex jidħol suldat f'din il-għassa. [25]

Fi żmien l-istess Kavallieri, il-paga lill-għases tal-Kosta kienet kull xahrejn. Waqt li l-Università tal-Belt Valletta kienet toħroġ 131 Skud u 8 Tari kull sena, dik ta' l-Imdina kienet tħallas 62 Skud u 4 Tari. Dawn kienu jmorru (barra 5 Skudi) kemm biex jitħallsu l-għases tal-Kosta kif ukoll biex jitħallsu dawk għassa fit-Torrijiet ta' madwar il-Kosta (ta' De Redin). Peress li bejn l-10 ta' Novembru u d-9 ta' Mejju (xhur tax-Xitwa) l-għassa ta' mal-kosta ma kinitx issir, dawn is-suldati ma kellhomx paga u kienu jinqdew bil-ħames skudi li kien jifdal fil-Kaxxa. [26]

Il-paga kienet ta' 2 Skudi fix-xahar. [27]

## RIFERENZI


1. Evans J.D.: The Prehistoric Antiques of the Maltese Islands, The Ahtlone Press, 1971 p. 229.
2. Ibid p. 7
3. Ibid p. 7
4. Zahra Walter: Storja taż-Żejtun u l-inħawi tiegħu, Veritas Press, 1978 p. 6.
5. Evans J.D. p. 229.
6. Zammit Vincent: Maltese Fortifications (Civilization), PEG Ltd., 1984 p. 23.
   Mayr A.; Die Vorgeschichtlichen Denkmäler Von, Malta, Konigl Academic 1901 (J. Roth) p.p. 100-101. Dan il-ktieb ġie tradott mill-lingwa Ġermaniża għall-Ingliż minn Princess Louis of Battenburg.
7. Evnas J.D. p. 15
   Mayr A. p.p. 61-65.
8. Evans J.D. p. 15
9. Times of Malta No. 7431 of 28th July 1959, p. 12 u p. 16.
10. Murray Margaret A.: Excavations in Malta Part II, K. Liebel, Wyman & Son (Vienna – London), 1923–1929, p. 25.
11. Evans J.D. p. 7.
12. Trump D.H.: Malta:- An Archaeological Guide, Faber & Faber Ltd., 1972 p. 84.
13. Giambruno S. e Genuardi L.: Capitoli Enediti della Città Demaniali di Sicilia – Vol I 1918 p. 337. It-talba saret lil Johanni, it-tieni tifel tar-Re Ferdinandu ta' Aragona nhar il-11 ta' Frar 1416 IX Ind. f'Katanja. Il-mexxejja tal-Maltin kienu:- Antoni Falzuni Bartholomeu de Chilona u Ioanni Viglera dictu bontempu flimkien ma' Aloysi de Pluzasco u Antoni Baguni, ambaxxaturi.
14. Arkivju tal-Katidral, Mdina: Quaderni Diversi, No. 4 u transkritt minn Godfrey Wettinger f'The Armed Forces of Malta Journal" Nru. 32 (October 1979) p.p. 31-41.
15. Wettinger Godfrey: The Militia Roster of Watch Duties of 1417 (The Armed Forces of Malta Journal Nru.32) October 1979 p. 27.
16. Għadir San Ġorġ fil-bajja ta' San Ġorġ, Birżebbuġa. Abela G.F.: Della Descrittioni di Malta p. 60 – S. Giorgio. Bibjoteka Nazzjonali ta' Malta: Libr. 139 f. 100: "Visitavit Ecclesia rurales sub vocabula Sti Georgii constu in loco dicto Gadir.
17. Ras Juliana (Giuliana):- Guardia Marina ta' Benissa o Sia Ras Giulino: **Arkivju ta' l-Ordni ta' Malta,** 1058 f. 160.
18. Abela Fra. Gio. Fran.: Della Descrittioni di Malta p. 60 – Melleħa. Post qrib is-salini tal-Melħ ta' Wied il-Buni (Kalafrana) fuq mappi moderni. (Ara Wettinger Godfrey: The Militia List of 1417 p. 28).
19. Nadur Kelba (Abela: Nadur il-Kelba). Post qrib Bengħisa.
20. Qabar Għarib qrib Għar Ħasan (qrib Torri Wardija): Wettinger p. 28. F'A.O.M. 1063: Uardia o Sia Chalp il-harip. Dan il-post jinstab iżjed qrib Wied iż-Żurrieq milli Għar Ħasan.
21. Wettinger Godfrey: The Militia Roster of Watch Duties 1417, p. 29.
    Wettinger Godfrey: The Militia List of 1419-20, a new starting point for the study of Malta's population. Melita Historica V. No.2 (1969) p.p. 80-105. Ħafna mill-ismijiet li jidhru fil-Militia List tal-1419-20 jidhru wkoll f'dik ta' c. 1417.
22. Wettinger Godfrey: The Militia Roster of Watch Duties 1417, p.p. 39-40
23. Abela Gio. Fran., p. 60
24. A.O.M. 1052.
25. A.O.M. 1063 f. 171
    A.O.M. 1052 u 1058
26. A.O.M. 1052 f. 90
27. A.O.M. 1052, din kellha 3 suldati.
    Wismayer J.M.: The history of the King's Own Malta Regiment and the Armed Forces of the Order of St. John: Valletta, Said International, 1989 p. 50.


**Michael Balzia**